# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 17 ta’ Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 23**

**Avviz numru 926/01/SM**

**Pawlu u Anna konjugi Falzon**

**vs**

**SBT Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ telef lira Maltin (LM4,000.00,0) favur l-esponenti liema hlas sar bhala hlas akkont fil-konvenju li skada datat 7 t’Awissu, 2000 liema konvenju skada ghar-rigward il-bejgh ta’ porzjon ta’ art bhala plot minn tnejn (2) formanti parti mill-art mgharufa “Tal-Imriehel” limiti ta’ B’Kara ta’ kejl ta’ ghoxrin pied faccata u fond ta’ circa tmenin pied soggetta ghac-cens perpetwu ta’ LM6 mill-qbija libera u franka;**

**Bl-ispejjez kif ukoll l-imghax legali mid-data meta skada l-konvenju, bis-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-11 ta' Dicembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**